**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 65/2016 RM**

**Perit David Anastasi f'ismu proprju kif ukoll f'isem Demicoli & Associates**

**vs**

**Sarex Limited (C6098),**

**Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi**

**Illum, 25 ta' Settembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur *proprio et nomine* li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Marzu 2016 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh s-somma ta' disat elef, erbgha mija u erbghin ewro (€9,440) rapprezentanti din is-somma drittijiet professjonali fuq servizzi rezi minnu fuq istruzzjonijiet taghhom.

Bl-imghax inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali; il-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Sarex Limited (C6098), Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi pprezentata fid-29 ta' April 2016 fejn eccepew illi:-

"*It-talbiet tal-attur pro et noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ma hemm assolutament ebda relazzjoni guridika bejn l-attur pro et noe u l-kumpanija Sarex Ltd., liema kumpanija ghalhekk ghandha tigi mehlusa immedjatament mill-osservanza ta' dan il-gudizzju.*
2. *Fit-tieni lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma ghandhom ihallsu xejn lill-attur pro et noe stante n-nuqqas ta' konformita' tas-servizzi pprestati mal-istruzzjonijiet moghtija mill-istess konvenuti.*
3. *Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa ghal kollox eccessiv, partikolarment, izda mhux limitatament, kunsiderata n-natura ezigwa tas-servizzi rezi.*
4. *Fir-raba' lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attrici jibqghu infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur pro et noe, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-30 ta' April 2015, 'lli huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' April 2018 fejn cahdet it-talba attrici, illiberat lis-socjeta` konvenuta Sarex Limited mill-osservanza tal-gudizzju u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Ottubru 2018 li biha hassret is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' April 2018 u baghtet l-atti lura lil din il-Qorti biex tissokta bis-smigh tal-kawza;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018 bis-sahha ta' digriet moghti mis-S.T.O. Prim'Imhallef;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu cahdet it-talba tal-konvenuti biex jissollevaw eccezzjoni ulterjuri dwar il-prova tal-mandat tal-attur biex jagixxi f'isem id-ditta DeMicoli & Associates, laqghet it-talba taghhom sabiex tigi sollevata eccezzjoni limitatament dwar l-illegittimita` tal-attur li jharrek f'isem haddiehor, kif ukoll l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur de proprio f'din l-azzjoni;

Rat ir-Risposta ulterjuri pprezentata mill-konvenuti fl-20 ta' Dicembru 2018 in segwitu ghad-digriet moghti fit-12 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepew illi:-

"*... t-talba ghandha tigi michuda stante l-fatt illi fid-data tal-intavolar tal-kawza odjerna l-Perit David Anastasi ma kellu l-ebda setgha jmexxi, jagixxi u/jew iharrek f'isem id-ditta DeMicoli & Associates u li jipprezenta l-interessi tal-istess u dan stante illi din tal-ahhar kienet prezenti u ghadha prezenti gewwa Malta;*

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghandha tigi michuda stante l-fatt illi l-attur de proprio, il-Perit David Anastasi, ma ghandux u ma kellux l-interess guridiku mehtieg sabiex jagixxi u jkompli jagixxi f'din l-istanza.*"

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha li xehdu, u rat ukoll il-provi kollha li tressqu, quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda kollha u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur prezentata fl-atti nhar it-3 ta' Novembru, 2017 u dik responsiva tal-konvenuti prezentata fl-atti nhar l-4 ta' Dicembru 2017;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju 2019 dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti fir-Risposta taghhom tal-20 ta' Dicembru 2018, kif ukoll dwar il-mertu;

Rat illi l-kawza giet imhollija llum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

Il-Qorti fliet it-testimonjanza tax-xhieda kollha li ddeponew f'din il-kawza:-

**Il-Perit David Anastasi** xehed permezz ta' Affidavit ipprezentat fil-15 ta' Gunju 2016, u xehed ukoll fit-8 ta' Gunju, 2017 quddiem il-Qorti. L-istess attur rega' xehed quddiem il-Qorti fit-3 ta' Lulju 2017 u *inter alia* kkonferma li l-ammont mitlub minnu hu dovut lil Demcoli & Associates u mhux lilu personalment, ghalkemm kien awtorizzat bil-miktub mid-Direttur ta' DeMicoli Associates sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri.

**Jennifer Azzopardi** xehdet nhar it-22 ta' Marzu 2017 bil-lingwa Ingliza u regghet xehdet fit-3 ta' Lulju 2017 quddiem il-Qorti.

**Ivan Azzopardi** xehed nhar it-22 ta' Marzu, 2017.

**Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti** xehed ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Limited u dan nhar il-31 ta' Mejju 2017.

**<u>Caroline Webb</u>** li xehdet permezz ta' *skype call* liema xhieda ttiehdet minn Dr. Stephen Farrugia Sacco mahtur ghal dan l-iskop mill-Qorti.

**<u>L-attur il-Perit David Anastasi</u>** pprezenta Affidavit iehor fl-atti, mahluf minnu waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar 2019 u xehed in kontro-ezami, waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2019, u dan riferibbilment ghall-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti fir-Risposta taghhom ipprezentata fl-20 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur jitlob li l-konvenuti *de proprio* jew f'isem is-socjeta` Sarex Limited jigu kkundannati sabiex ihallsu lilu u lid-ditta DeMicoli & Associates is-somma ta' disat elef, erba' mija u erbghin ewro (€9,940) rapprezentanti drittijiet professjonali dovut ghal servizzi rezi minnu in konnessjoni ma' xi pjanti u spezzjonijiet dwar progett li kellu jsir fil-fond Stoney Brook, Triq il-Harruba, l-Iklin.

Illi qabel xejn, ikun opportun illi jigu indirizzati l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-konvenuti fir-Risposta taghhom[1] ghar-Rikors promotur, kif ukoll l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevat fir-Risposta tal-konvenuti tal-20 ta' Dicembru 2018 billi dawn huma ta' natura procedurali b'mod illi jekk xi wahda minnhom tigi milqugha, l-azzjoni attrici tfalli, talanqas in parte.

Il-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom[2] jikkontendu li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attur proprio et nomine u s-socjeta` Sarex Limited, filwaqt illi fit-tieni eccezzjoni ulterjuri taghhom[3] jikkontestaw l-interess guridiku tal-attur il-Perit David Anastasi *de proprio* biex imexxi b'din l-azzjoni kontrihom ilkoll.

---

[1] Risposta pprezentata fid-29 ta' April 2016.
[2] Risposta tad-29 ta' April 2016.
[3] Risposta tal-20 ta' Dicembru 2018.

Kwantu, imbaghad, ghall-azzjoni mmexxija mill-attur fil-kapacita` rapprezentattiva ta' DeMicoli & Associates, il-konvenuti jikkontendu ulterjorment illi l-azzjoni ma tiswiex ghaliex l-attur ma setax iharrek f'isem l-imsemmija ditta billi din kienet u ghadha prezenti gewwa Malta.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi qabel xejn jehtieg li jigu determinati u sorvolati (i) il-kwistjoni tal-interess guridiku o meno tal-attur il-Perit David Anastasi *de proprio* fl-azzjoni odjerna, u f'kull kaz (ii) jekk l-istess attur setax iharrek u jagixxi f'isem DeMicoli & Associates. Affermattivament, f'kaz wiehed jew l-iehor, ikun jifdal li tigi indirizzata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-attur f'ismu proprju jew *proprio et nomine*, skont il-kaz, u s-socjeta` konvenuta Sarex Limited, u biss una volta sorvolati dawn l-ostakoli ta' natura procedurali, jista' jigi trattat u determinat il-mertu tat-talba attrici.

**<u>L-Interess Guridiku tal-Attur David Anastasi *proprio*</u>**

L-eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-attur f'ismu proprju biex igib 'il quddiem din l-azzjoni, hija bbazata intrinsikalment fuq l-allegazzjoni illi d-drittijiet professjonali reklamati, jekk verament dovuti, m'humiex dovuti lilu izda lil DeMicoli & Associates.

L-interess guridiku ta' min jipproponi l-azzjoni giet deskritta bhala "*l-mizura ta' l-azzjoni"*[4] u "*l-bazi ta' l-azzjoni"*[5] u ghalhekk jassumi importanza massima u determinanti mhux biss ghall-fini tal-istituzzjoni tal-azzjoni izda wkoll ghat-tkomplija taghha. Fil-fatt, l-interess guridiku, li wara kollox jirradika d-dritt ghas-smigh ghall-parti attrici, irid jissussisti tul il-procediment kollu sas-sentenza finali, u mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbligu ghas-smigh[6].

---

[4] Vol. XXXVII Part 2 pagna 608.
[5] Vol. XXIX Part1 pagna 89.
[6] Ara in propositu: **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**, Appell Civili, deciz 19 ta' Mejju 2004.

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-każ fl-ismijiet **It-Tabib Charles Delicata et vs Alfred Borg** tat-28 ta' Frar 2017 fissret illi:-

"*it-talba ta' l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk objettivament l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal u jistabilixxi jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` l-jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni.*

...

*Ikun hemm interess guridiku jekk il-kawza tkun tista` twassal ghal vantagg ghal min jipproponiha. Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat.*"

In tema legali, biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, iridu jigu sodisfatti diversi kriterji. Il-principji li jikkwalifikaw l-interess li ghandu f'kull kaz jigi riskontrat fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-azzjoni minnu esperita, gew elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Dr. Francis Lanfranco et**:-

"*(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;*

(ii) *l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;*

(iii) *l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;*

(iv) *l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;*

(v) *l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;*

(vi) *l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;*

(vii) *fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'il quddiem;*

(viii) *l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;*

(ix) *jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.*"[7]

Ikkunsidrat;

Il-provi l-iktar relevanti ghal din l-eccezzjoni procedurali, jikkonsistu fl-Affidavit tal-attur ipprezentat fis-27 ta' Frar 2019 u x-xhieda tieghu in kontro-ezami fl-udjenza tad-9 ta' April 2019. Fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2017 l-istess attur kien diga` xehed illi l-ammont mitlub minnu f'din il-kawza huwa dovut lil DeMicoli and Associates u mhux lilu personalment.

Fl-imsemmi Affidavit tieghu, l-attur xehed illi ilu sa minn meta ggradwa bhala perit fis-sena 2003 li ilu msieheb fid-ditta DeMicoli & Associates. Jghid illi

---

[7] Citata wkoll f'**Karina Fenech vs Awtorita` tad-Djar et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 12 ta' Dicembru 2011.

huwa impjegat formalment fuq bazi *full-time* mad-ditta izda apparti li ghandu kuntratt ta' impieg u kwindi jippercepixxi salarju, ghandu wkoll il-pozizzjoni ta' *associate* tad-ditta izda huwa awtorizzat ukoll illi jaqdi klijenti personali tieghu diment li jagixxi bhala *associate* tad-ditta u johrog il-kontijiet ghall-hlas tad-drittijiet fuq *letterhead* ta' DeMicoli & Associates. Imbaghad, skont l-attur, il-hlas ta' dawn id-drittijiet gejjin minn servizzi rezi lil klijenti personali tieghu, jitqassam bejnu u bejn l-imsehbin fid-ditta billi huwa jzomm sehem ta' 40% u jghaddi s-sehem ta' 60% lill-*kitty* tad-ditta. L-attur fisser ili dan il-*fee-sharing agreement*, ghalkemm dejjem kien wiehed verbali, gie formalizzat bil-miktub permezz ta' *email* mibghut lilu minn Ray DeMicoli qabel infethet din il-kawza, liema *email* jinsab esebit fl-atti bhala Dok. DAx.

In kontro-ezami[8] l-attur xehed illi d-ditta DeMicoli & Associates hija bbazata f'Malta u kienet hekk ibbazata anke fiz-zmien meta huwa fetah il-kawza odjerna. L-ufficcju tad-ditta jinsab gewwa San Gwann u l-attur afferma illi l-associates kollha tad-ditta, cioe` Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li wkoll jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tad-ditta kollha jghixu Malta.

Huwa cahad li jithallas *commission* meta jaghti servizzi professjonali lil klijenti personali tramite d-ditta, u fisser li skont il-ftehim milhuq mas-shab fid-ditta, il-*fees* jitqassmu fi kwota ta' 60% lid-ditta u 40% lilu. Jikkonferma illi s-sehem ta' 40% huwa speci ta' "*reward*" li jithallas lilu talli jkun ressaq il-klijent lejn id-ditta. Mistoqsi jghid jekk allura l-klijent ikun fl-ahhar mill-ahhar klijent tad-ditta u mhux tieghu, l-attur fisser illi l-klijent jistmah bhala klijent tieghu wkoll ghaliex ir-relazzjoni tal-klijent ikun mieghu u jkun klijent tieghu.

L-attur spjega wkoll illi fir-rigward il-konvenuti, is-servizzi professjonali gew rezi mid-ditta DeMicoli & Associates izda tramite lilu, u kkonferma illi huwa rrenda s-servizzi taht il-kappa ta' DeMicoli & Associates, tant illi l-invoice intbaghat fuq letterhead ta' DeMicoli & Associates.

---

[8] 9 ta' April 2019.

Ikkunsidrat;

Minn dan huwa evidenti illi s-servizzi moghtija lill-konvenuti gew rezi mill-ufficcju DeMicoli & Associates izda tramite l-attur bhala l-perit inkarigat ghaliex il-klijent, f'dan il-kaz, kien introducih lid-ditta l-istess attur. Mill-gabra tal-provi fuq imsemmija, il-Qorti fehmet ukoll illi ghall-hidma tieghu fuq il-progett in kwistjoni l-attur thallas salarju fiss minghand l-istess ditta billi huwa impjegat fuq bazi *full-time*, u b'zieda ma' dan is-salarju jista' jircievi eventwalment minghand id-ditta sehem ta' 40% mid-drittijiet professjonali li jithallsu mill-klijent f'dan il-kaz il-konvenuti. Izda peress illi kif ikkonferma l-attur, il-kontijiet kellhom jintbaghtu u effettivament intbaghtu fuq il-*letterhead* tad-ditta DeMicoli & Associates, isegwi illi l-hlas tad-drittijiet reklamati, mertu ta' din il-kawza, isir lil u jigi percepit mid-ditta u mhux minnu personalment.

Is-servizz f'dan il-kaz gie prestat mill-Perit Anastasi ghan-nom ta' DeMicoli & Assoociates u cioe` a bazi tar-relazzjoni kontrattwali li ghandu l-istess perit ma' dan l-ufficcju. Dan il-fatt huwa ukoll kkonfermat minn Caroline Webb li tghid li minkejja li hija hadmet fuq dan il-progett bhala *interior designer* flimkien mal-Perit Anastasi, hija ma thallsitx ta' xogholha ghaliex hija tahdem *full time* ma' dan l-ufficcju u ghalhekk ghandha paga mensili.

Dan kollu jfisser illi filwaqt illi l-paga tal-attur ma tiddependix minn jekk il-konvenuti jigux ikkundannati o meno jhallsu d-drittijiet mitluba f'din il-kawza, anke kieku kellu jsir il-pagament tad-drittijiet mitluba f'din il-kawza, is-sehem dovut lill-attur proprju ikun dovut lilu u jigi mhallas mid-ditta DeMicoli & Associates. Infatti l-attur ikkonferma meta gie mistoqsi specifikatament, illi huma s-Senior Associates Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li effettivament jamministraw l-affarijiet tad-ditta.

Relevanti in propositu huwa dak rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Terribile v. Arthur Bajada**[9]:-

"*Issa, l-interess guridiku jrid jissussisti fil-kawza kif proposta u dejjem fil-kuntest tat-talbiet attrici. L-interess guridiku jimporta mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma ukoll interess li jissarraf fi pretensjoni ta' esercizzju ta' dritt kontra l-persuna citata. Ghalhekk mhux kull utilita` guridika tekwivali ghall-interess guridiku. (ara App. Attard vs Baldacchino et tal-5/10/2001). It-talbiet u l-premessi fic-citazzjoni jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tiddeciedi u li jiddeterminaw il-kompetenza taghha. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tiddeciedi fuq xi haga mhix mitluba jew difiza mhux imressqa.*"[10]

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fit-28 ta' Frar 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousù pro et noe et**, il-Qorti tal-Appell irriteniet:-

"*l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*"

Finalment, kif qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kevin Chircop vs Joseph Chircop** tat-28 ta' Jannar 2004:

"*Issa ħadd ma jiddubita illi l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd. Daqstant ieħor però huwa indiskuss ukoll illi min jadixxi lill-Qrati għandu juri li huwa għandu dritt li ġie vjolat lilu, jew li jiġi lilu ri-stabbilit id-dritt hekk leż mill-konvenut, u allura permezz tal-azzjoni jista' jipprokura xi riżultament vantaġġuż jew skop utli.*"

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-hlas tad-drittijiet professjonali reklamat minghand il-konvenuti huwa, dikjaratament, dovut lil u jigi percepiti mid-ditta DeMicoli & Associates jista'

---

9 Appell Civili, deciza 30 ta' April 2009.

10 Sottolinejar ta' din il-Qorti.

jfisser biss illi l-attur fil-vesti tieghu personali ma ghandux dritt li jagixxi ghall-hlas tal-istess drittijiet. Il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-attur jista' jkun intititolat eventwalment ghal sehem minn dawn id-drittijiet, huwa immaterjali stante illi l-hlas ta' sehmu huwa dovut mhux mill-konvenuti izda mid-ditta DeMicoli & Associates u certament il-kwistjonijiet interni huma irrelevanti kif ukoll *res inter alios acta* ghall-konvenuti odjerni. Wara kollox, kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-26 ta' Jannar 2018[11], wiehed irid jiddistingwi bejn semplici interess u interess guridiku f'kawza.

Il-korollarju ta' dan huwa, fil-fehma tal-Qorti, il-karenza assoluta ta' interess personali, dirett u attwali da parti tal-attur *de proprio* fl-azzjoni odjerna illi kellha tigi esperita, per konsegwenza, mid-ditta DeMicoli & Associates li ghandha, effettivament, l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tipproponi din il-kawża u ċertament mhux l-attur proprju, li ma ghandu ebda dritt x'jigi lilu rikonoxxut jew tutelat f'din l-azzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti billi tqis illi l-attur il-Perit David Anastasi, *de proprio*, ma ghandux interess guridiku fl-azzjoni la kif diretta fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Sarex Limited u lanqas fil-konfront tal-konvenuti Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi.

## L-Azzjoni Mibdija mill-Attur f'Isem DeMicoli & Associates

Stabbilit li l-attur fil-vesti personali tieghu ma ghandux l-interess guridiku biex imexxi 'l quddiem din l-azzjoni ghaliex, kif stabbilit, id-drittijiet professjonali reklamati huma pagabbli, jekk dovuti, lil DeMicoli & Associates, jehtieg li jigi kkunsidrat jekk l-istess attur setax jagixxi f'isem l-imsemmija ditta ghall-hlas tal-ammont reklamat.

---

[11] **Emily Stivala et vs Paola Tabone.**

Il-konvenuti permezz tar-Risposta ulterjuri taghhom[12] eccipew illi meta giet istitwita l-azzjoni odjerna, il-Perit David Anastasi ma kellu l-ebda setgha jagixxi u jharrek f'isem DeMicoli & Associates u jirrapprezenta l-interessi tal-istess, stante illi din kienet u ghadha prezenti gewwa Malta.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-fatt illi l-hlas huwa primarjament dovut lil persuna ohra u mhux lill-attur personalment ma jfissirx *ut sic* illi l-attur ma setax jinghata l-awtorizzazzjoni li jfittex ghall-hlas tal-ammont reklamat in rapprezentanza u ghan-nom tal-persuna l-ohra, cioe` l-principal, purche` l-imsemmi mandanti ma jkunx prezenti Malta.

Difatti, bhala attur fl-okkju tar-Rikors promotur hemm ukoll l-isem "DeMicoli & Associates" u l-Perit David Anastasi fix-xhieda tieghu[13] jispjega illi huwa gie awtorizzat bil-miktub mid-dirigenti tad-ditta DeMicoli & Associates sabiex jintavola dawn il-proceduri ghall-hlas tal-ammont reklamat in linea ta' drittijiet professjonali, u dan permezz ta' *email* mibghut lilu minn Ray DeMicoli qabel infethet din il-kawza, liema *email* jinsab esebit fl-atti bhala Dok. DAx[14].

Ikkunsidrat;

Il-mandat, jew il-prokura, huwa regolat bl-**Artikoli 1856 sa 1890 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgha li tagħmel xi ħaġa għaliha[15],u jista' jkun speċjali, jekk jingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinanti, biss; jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha tal-mandat.[16]

L-**Artikolu 1857** jistipola:-

---

[12] 20 ta' Dicembru 2018, fol. 20.
[13] 3 ta' Lulju 2017.
[14] Fol. 27.
[15] Art.1856(1) Kodici Civili
[16] Art.1862 Kodici Civili

(2) Bla ħsara ta' kull disposizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil fomm, jew ukoll taċitament.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Elkhiate nee' Attard et vs Emanuel Attard et**[17] inghad:-

*"Il-mandat jista' jinghata mhux biss bil-miktub, imma anke bil-fomm u anki tacitament (***Rizzo Bamber vs Rizzo** *PA 11 ta' Jannar 1950,* **Saverio Galea v Paolo Gauci noe** *-Vol.XXVIII-I-60)*".

Illi l-ezistenza tal-mandat trid tigi ppruvata sal-grad rikjest bil-Ligi, u li dan il-mandat inghata espressament. Fil-kaz fl-ismijiet **Romeo Fleri v Nutar Francis Xavier Dingli**[18] il-Qorti irriteniet li huwa minnu li l-mandat jista' jinghata tacitament izda "*element essenzjali tal-mandat tacitu hi x-xjenza u il-konsapevolezza tas-suespost mandat li affari li jinteressah gie intrapriz minn haddiehor...*"

Kif ritenut in materja fis-sentenza fl-ismijiet **Avv. Michael Psaila nomine vs Joseph Pace et** inghad li bhala punt ta' dritt:-

"*… m'hemmx kwestjoni li min jallega l-ezistenza tal-mandat ghandu l-oneru fuqu li jipprovah*"[19]

Il-Qorti qrat l-iskambju ta' korrispondenza bejn l-attur David Anastasi u Ray DeMicoli[20], u hija tal-fehma li David Anastasi kien tabilhaqq inkarigat minn wiehed mis-Senior Associates tad-ditta DeMicoli & Associates sabiex jigbor id-drittijiet professjonali li kellhom jithallsu lill-istess ditta. Il-Qorti tqis ukoll illi meta bi twegiba ghad-diversi *emails* tieghu[21], l-attur inghata struzzjonijiet espressi sabiex iqabbad avukat u jigbor id-dritt kollu, kien b'hekk awtorizzat illi

[17] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2001.
[18] Appell Civili deciz fis-17 ta' Mejju 1963.
[19] Ara wkoll in propositu **Ethel Farrugia vs Albert von Brockdorff noe**, Appell Kummercjali, 5 ta' Frar 1971 ; **George Debono noe vs Edgar Pugliesevich noe**, Appell Kummercjali, 9 ta' April 1976.
[20] Dok. DAx.
[21] 3 ta' Settembru 2014, 4 ta' Settembru 2014 and 1 ta' Ottubru 2014.

jipprocedi b'din l-azzjoni gudizzjarja f'isem id-ditta DeMicoli & Associates ghall-hlas tad-drittijiet professjonali u dan ukoll fis-somma intiera u mhux dik skontata.

In tema legali, l-Artikolu 1865 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*(1) Għall-esekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jaġixxi ġudizzjarjament; jagħmel u jissokta appelli; jagħmel prova bis-subizzjoni tal-parti kuntrarja; jieħu l-ġurament in litem jew il-ġurament suppletorju; jesegwixxi sentenzi sew fuq ħwejjeġ mobbli kemm immobbli; jitlob il-ħruġ ta' atti kawtelatorji, fosthom dawk li għalihom hu meħtieġ li jsiru rikorsi jew dikjarazzjonijiet bil-ġurament; ... u jagħmel kull ħaġa oħra li l-mandant jista' jagħmel huwa nnifsu, għalkemm dawn is-setgħat ma jkunux espressi fil-mandat.*

*(2) Il-mandatarju jista' wkoll, bis-setgħa hawn fuq imsemmija, ikun konvenut fl-isem tal-mandant, f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat.*

Applikati ghall-kaz tal-lum il-principji generali u l-insenjament relattiv in materja tal-istitut tal-mandati, il-Qorti hija sodisfatta illi l-attur, il-Perit David Anastasi, kien debitament awtorizzat illi jagixxi gudizzjarjament ghan-nom tad-ditta li maghha huwa impjegat u agixxa, talanqas kwantu agixxa f'isem DeMicoli & Associates, entro l-parametri li gew stabbiliti fil-korrispondenza esebita (Dok. DAx) u li nghataw lilu fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Jifdal ghalhekk illi jigi mistharreg dak l-aspett tal-eccezzjoni in dizamina li tirrigwarda l-illegitimita` tal-attur kwantu qed jagixxi fl-isem ta' DeMicoli & Associates, liema eccezzjoni hija evidentement ibbazata fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili li jipprovdu hekk:-

*Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili...*

L-attur xehed fir-rigward[22] illi d-ditta DeMicoli & Associates hija bbazata f'Malta u kienet hekk ibbazata anke fiz-zmien meta huwa fetah il-kawza odjerna. L-ufficcju tad-ditta jinsab gewwa San Gwann u l-attur afferma illi s-socji kollha tad-ditta, cioe` Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li lkoll jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tad-ditta, kollha jghixu Malta.

Izda, il-Qorti tqis illi d-divjet fl-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 li persuna ma tistax toqghod bhala attur f'kawza bhala mandatarju ta' persuna ohra li tinsab f'Malta, jghodd biss meta l-principal ikun individwu u mhux socjeta` jew korp ta' persuni formalment imwaqqaf u li ghandu personalita` guridika distinta.

Mill-provi akkwiziti, fosthom Doc. G formanti parti mill-atti a fol. 12, jirrizulta illi l-entita` DeMicoli & Associates ghandha n-numru ta' registrazzjoni C-8243, liema numru jinsab indikat anke fl-invoice mibghut minn din id-ditta lill-konvenuti[23]. Ghall-Qorti dan ifisser illi DeMicoli & Associates m'huwiex semplicement isem tan-negozju jew ditta konsistenti fl-ezercizzju tal-professjoni tad-diversi periti msemmija mill-attur fix-xhieda tieghu, assocjati flimkien, izda huwa l-isem ta' korp formalment imwaqqaf u registrat. Billi jirrizulta illi effettivament dan il-korp, oltre li ghandu numru ta' registrazzjoni, ghandu wkoll numru tal-V.A.T. u evidentement jimpjega f'ismu persuni fuq bazi *full-time*, fosthom l-attur u Caroline Webb, il-Qorti tqis illi tista' ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi d-ditta DeMicoli & Associates mhux talli hija socjeta` kostitwita skont kif imfisser fl-Artikolu 180(1)(a) tal-Kapitolu 12, talli hija korp li jagixxi b'mod awtonomu u munit b'personalita` guridika distinta.

Skont kif fisser l-attur fix-xhieda tieghu, il-persuni li flimkien jamministraw l-affarijiet ta' din is-socjeta` huma Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li lkoll huma *senior associates*, u flimkien maghhom hemm periti ohrajn, bhalu, li huma impjegati formalment mad-ditta li huma wkoll associates fid-ditta. F'kaz

[22] 9 ta' April 2019.
[23] Doc. T ukoll anness mal-Affidavit tal-attur a fol. 12.

ta' klijenti privati tal-attur, ghalkemm dawn jitqiesu bhala klienti tad-ditta, huwa fisser kif huwa jithallas ukoll oltre ghas-salarju tieghu mill-impieg, persentagg tad-drittijiet professjonali percepiti minn DeMicoli & Associates skont *fee-sharing agreement* generali li fil-kaz odjern, gie evidenzjat bil-miktub. Fil-fehma tal-Qorti, din ix-xhieda ma jesludix u ma tnaqqas xejn mill-konvinzjoni taghha, illi d-ditta DeMicoli & Associates hija korp ta' persuni munit b'personalita` guridika distinta.

Maghdud dan, il-Qorti tqis illi huwa sodisfacjentement ippruvat fil-grad li trid il-ligi fil-kamp civili, illi l-attur David Anatasi inghata, sew verbalment u kif ukoll permezz tal-*email* Dok. DAx, struzzjonijiet biex jagixxi bhala rapprezentant tal-korp DeMicoli & Associates, u konsegwentement, billi kif diga` nghad dan il-korp ghandu personalita` guridika, l-attur ghandu jitqies bhala persuna li giet awtorizzata bil-miktub biex tagixxi gudizzjarjament f'isem dak il-korp ghall-finijiet tal-Artikolu 181A(2) tal-Kapitolu 12. Dan jipprovdi hekk:-

*Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.*

Konformement, it-tezi tal-konvenuti illi l-attur, meta istitwixxa din l-azzjoni, kien qed jagixxi bhala mandatarju ta' persuna prezenti f'Malta, ma treggix u tfalli proprju ghaliex kif appena kkunsidrat u stabbilit, l-attur ma kienx qed jagixxi ghan-nom ta' individwu jew ghadd ta' persuni *proprio*, izda ghan-nom ta' korp b'personalita` guridika distinta minn dik tal-persuni li jikkostitwuh. Stabbilit dan, jigi osservat ukoll illi ma ngiebet l-ebda prova kwalsiasi mill-konvenuti sabiex idghajfu din il-konkluzjoni jew sabiex juru illi l-awtorizzazzjoni moghtija lill-attur ma tiswix.

Konsegwentement, fic-cirkostanzi, fejn qed tigi trattata eccezzjoni sollevata ai termini tas-Subtitolu IV tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12[24], il-Qorti ma tistax ma tapplikax id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 786A, li jipprovdu illi:-

**786A.** *Ma tistax tingħata l-eċċezzjoni tal-illeġittimità kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, u fil-każ ta' persuna msemmija fl-artikolu 187(7) fil-każ ta' bastiment jew biċċa oħra tal-baħar.*

Ghaldaqstant, mill-atti kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1865 tal-Kodici Civili, jirrizulta sufficjentement ippruvat illi l-attur il-Perit David Anastasi gie awtorizzat bil-miktub biex jagixxi in gudizzju ghan-nom u in rapprezentanza ta' korp b'personalita` guridika, cioe` DeMicoli & Associates, billi jistitwixxi dawn il-proceduri f'isem DeMicoli & Associates ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti lill-imsemmi socjeta` u konsegwentement, anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 786A tal-Kap. 12 l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, hekk kif fondata fuq l-Artikolu 1866 tal-Kap. 16, m'hijiex siewja u ser tigi michuda.

**Nuqqas Relazzjoni Guridika bejn l-Attur *pro et noe* u Sarex Limited**

Huwa opportun illi, determinati l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti, u senjatament wara li gie stabbilit li l-attur proprju ma ghandux interess guridiku f'din l-azzjoni, illi tigi mistharrga l-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-attur fil-kapacita` rapprezentattiva u rimanenti tieghu, u s-socjeta` konvenuta Sarex Limited.

Ghalkemm din l-eccezzjoni giet indirizzata minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tal-10 ta' April 2018, effettivament ma nghatat ebda decizjoni dwarha fil-parti dispozittiva tas-sentenza u fi kwalunkwe kaz, l-

[24] "Fuq l-Eccezzjoni tal-Illegitimita` tal-Persuna tal-Attur jew il-Konvenut".

imsemmija sentenza giet imhassra *in toto* mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2018.

Jinghad, kif jirrizulta mill-provi, illi l-proprjeta` mertu tal-kawza li dwarha hadem l-attur ghan-nom ta' DeMicoli & Associates, tappartjeni lill-konvenuti *de proprio* u mhux lis-socjeta` konvenuta. Illi l-attur jghid fix-xhieda tieghu li ma jafx lil min kienet tappartjeni il-propjeta` jekk hux lill-konvenuti *de proprio* jew lis-socjeta konvenuta u kien ghalhekk fuq parir tal-avukat tieghu li istitwixxa din il-kawza kontra l-konvenuti *de proprio* kif ukoll kontra is-socjeta' Sarex Limited. Huwa minnu illi jirrizulta li l-konvenut Ivan Azzopardi kien talbu sabiex jibghat il-kont tas-survey li gie inkarigat jaghmel, fuq isem is-socjeta` konvenuta, tant li l-konvenut anke baghtlu id-dettalji ta' din il-kumpannija, izda jirrizulta wkoll illi dan il-kont thallas. L-attur imkien ma jallega li l-konvenuti talbuh jibghat il-kontijiet tas-servizz li kien ser jaghti, lis-socjeta` konvenuta, kif kienu ghamlu fir-rigward tas-survey.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun*

*involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[25] deciza fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza*:

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited***

*deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz, applikat l-insenjament fuq rapportat, ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta Sarex Limited kellha x'taqsam mal-progett li gie inkarigat jahdem fuqu l-attur. Lanqas Caroline Webb l-*interior designer* li hadmet fuq il-progett flimkien mal-perit attur, tghid li taf bis-socjeta` konvenuta. Inoltre minn imkien ma jirrizulta li din is-socjeta` kellha x'taqsam mal-attur jew li l-konvenuti f'xi hin infurmaw lill-attur li kienu qed jagixxu ghan-nom ta' Sarex Limited.

[25] Rik Gur Nru 700/14

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992:-

"*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor*."

Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni, u jekk jingiebu effettivament provi fir-rigward, dawn ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz[26].

Japplika wkoll hawnhekk l-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fil-kawza taghha fl-ismijiet **Joseph Chetcuti nomine vs Peter Paul Camilleri** deciza fl-4 ta' Dicembru 1988 fejn inghad li:

"*F'dan ir-rigward hija gusta l-osservazzjonijiet tas-socjeta appellata illi l-gurisprudenza hija stabbilita fis-sens illi meta wiehed jikkuntratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor jew f'isem xi entita giuridika separata.*"

Konformement, il-fatt *ut sic* li l-konvenuti kienu talbu li l-invoice ghall-hlas tas-survey jintbaghat lis-socjeta` konvenuta, u l-fatt illi l-istess socjeta` konvenuta setghet hallset hija stess id-drittijiet relattivi dovuti ghall-istess survey, ma jfissirx li kienet is-socjeta` konvenuta li kienet effettivament inkarigat lill-attur. Ghall-kuntrarju, filwaqt li jirrizulta minn pagna numru 6 ta' Doc. B esebit mill-attur flimkien mal-Affidavit tieghu, illi l-klijenti ta' dan il-progett kienu proprju l-konjugi Azzopardi[27], il-konvenut Ivan Azzopardi fl-iskambju ta' *SMS*s mal-attur, imkien ma indika li kien qed jagixxi ghan-nom ta' Sarex Limited jew f'kapacita` rapprezentattiva ohra. Huwa minnu li l-konvenut kien juza l-indirizz

[26] Troplong: *Mandato*, citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.
[27] "*Client: Mr. and Mrs Azzopardi*."

tal-*email* tas-socjeta` konvenuta f'xi *email*s li kien baghat, pero` dan l-uzu fih innifsu ma jwassalx sabiex isawwar relazzjoni guridika bejn l-attur u Sarex Limited, wisq anqas tista' din ir-relazzjoni tinsorgi mill-fatt illi l-attur baghat il-kont lill-konvenuti wkoll f'isem l-istess socjeta`.

In linea mas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi mill-fatti ta' dan il-kaz ma tistax tigi rravvizata l-ezistenza ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta, u konsegwentement, l-istess socjeta` konvenuta ma tistax titqies bhala l-legittima kontradittur tal-attur.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi milqugha u l-Qorti qed tillibera lis-socjeta` konvenuta Sarex Limited mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Il-Mertu</u>**

Stabbilit ghalhekk illi l-unika relazzjoni guridika hija bejn l-attur fil-kapacita` rapprezentattiva ta' DeMicoli & Associates u l-konvenuti Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi, jehtieg li jigi mistharreg is-siwi tat-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' €9,440 in linea ta' drittijiet professjonali rezi lill-konvenuti mid-ditta DeMicoli & Associates, u dan fid-dawl tal-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti.

Il-konvenuti, fit-tieni u t-tielet eccezzjonijiet taghhom[28] isostnu illi huma ma ghandhom ihallsu xejn lill-attur minhabba nuqqas ta' konformita` tas-servizzi prestati mal-istruzzjonijiet moghtija minnhom, u illi l-ammont reklamat huwa eccessiv.

Ikkunsidrat;

[28] Risposta datata 29 ta' April 2016, a fol. 6 tal-atti.

Indubbjament, din hija azzjoni ghall-hlas ta' servizzi allegatament prestati lill-konvenuti mid-ditta DeMicoli & Associates. Mhux kontestat li fil-fatt il-konvenuta Jennifer Azzzopardi kienet avvicinat lill-attur il-Perit David Anastasi wara li kienet rat artikolu f'*magazine* intitolat '*Home Works'* fejn kien hemm muri xi disinn minn tieghu. Mhux kontestat lanqas li fil-fatt l-attur, ghan-nom tad-ditta DeMicoli & Associates, kien hejja xi pjanti u kien ukoll tkellem mal-konvenuti b'mod partikolari mal-konvenuta dwar dak li xtaqu sabiex jsiru xi *embellishments* fil-proprjeta' taghhom.

Li hu kontestat hu li l-progett ma sarx u minkejja dan l-attur xorta qed jitlob il-hlas tad-drittijiet professjonali fis-somma ta' €9,440.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-principju generali in materja li jirregola l-hlas ghal servizzi rezi huwa illi *omnia labor, optat premium* u illi l-presunzjoni ghandha tkun favur in-non gratuwita` tal-prestazzjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Joseph Portelli et vs Rik Limited**[29], gie ritenut hekk:-

*"Huwa stabbilit lil-bazi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien : jigifieri fuq* ***il-kwasi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li ghamel. Minbarra dan ilu zmien twil acettat li il-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi ikun jidher sewwa illi min ta' dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalieh****. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas ghandu jitqies il-waqt meta jinghata tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservix biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kienitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu."*
[Enfasi ta' din il-Qorti]

---

[29] 16 ta' Dicembru 2003.

Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi biex titwaqqa' l-presunzjoni li servigi nghataw bi speranza ta' kumpens, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' din il-presunzjoni u juri b'mod konvincenti li l-intenzjoni tar-remunerazzjoni kienet eskluza u illi s-servizz ma setax gie prestat hlief gratuwitament.

Kif gie ritenut in propositu:-

"*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni…*"[30]

Stabbilit dan, il-Qorti qieset illi f'dan il-kaz, m'huwiex kontestat illi l-attur bhala perit, ippresta servizzi ta' professjonist konsistenti f'dizinni u pjanti fost ohrajn, izda ma kienx intlahaq ftehim formali dwar il-hlas li kellu in linea ta' drittjiet professjonali ghat-twettiq tal-progett. Dan il-progett ma sarx u l-konvenuti jsostnu illi qatt ma gew mgharrfa li f'kaz li l-progett jibqa' ma jsirx u ma jaghmlux ghalhekk uzu mill-pjanti u dizinni mhejjija mill-attur, kellhom ihallsu xi drittijiet professjonali ghas-servizzi rezi, anzi hasbu li peress li baqghu ma attwawx il-progett tax-xogholijiet fil-fond taghhom, is-servizzi pprestati mill-attur ghandhom jitqiesu li saru gratuwitament. Fit-tielet eccezzjoni taghhom jikkontendu illi f'kull kaz, l-ammont mitlub in linea ta' drittijiet professjonali huwa eccessiv.

---

[30] **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Limited et**, Qorti tal-Appell (Inf) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: – **Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti**, deciza Qorti tal-Appell (Inf), 6 ta' April 2005.

Il-Qorti tibda billi tosserva qabel xejn illi n-nuqqas ta' ftehim formali bejn il-partijiet fl-obbligazzjoni dwar il-hlas jew il-modalita` tal-hlas tas-servizz rez, m'ghandux ikun ta' xkiel ghal sejbien ta' responsabblita` ghall-hlas tal-prestazzjoni tas-servizzi. Wara kollox, jinsab stipolat fl-Artikolu 1012 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi:-

*"Il-kwasi kuntratt huwa fatt lecitu u volontarju illi minnu tohrog obligazzjoni lejn persuna ohra jew obligazzjonijiet tal-partijiet lejn xulxin."*

Fir-rigward, tosserva wkoll illi l-fatt illi l-konvenuti setghu baqghu ma accettawx formalment il-prospett bid-drittijiet tal-perit huwa wkoll immaterjali ghaliex filwaqt li ma jirrizultax illi ntalbet jew kellha ssir accettazzjoni formali tad-drittijiet professjonali dovuti ghall-progett, huwa indiskuss illi l-konvenuti mhux talli baqghu ma kkontestawx id-drittijiet indikati f'Doc. B[31], talli talbu prestazzjoni ta' servizzi ulterjuri in konnessjoni mal-progett.

Mill-provi jirrizulta illi l-attur ippresta servizzi professjonali fuq talba tal-konvenuti fuq medda ta' diversi xhur, u dan bejn Mejju 2013 u April 2014 meta effettivament il-konvenuta gharrfet lill-attur li ser thassar il-progett minhabba ragunijiet ta' sahha ta' zewgha.

Huwa indiskuss illi f'dan il-perijodu saru diversi laqghat u spezzjonijiet da parti tal-attur fil-fond tal-konvenuti ghall-fini li jithejjew il-pjanti u dizinni mehtiega ghall-fini tax-xogholijiet rikjesti, u huwa wkoll ippruvat illi effettivament dawn il-pjanti u dizinni gew ipprezentati lill-konvenuti. Jirrizulta wkoll mill-atti illi l-konvenuti kienu debitament mgharrfa bid-drittijiet professjonali li jsiru dovuti f'kull stadju tal-progett, inkluz l-istadju ta' qabel attwalment jibdew jitwettqu x-xogholijiet fil-fond. Dawn id-drittijiet, wara kollox, jinsabu indikati f'Doc. B u Doc. N annessi mal-Affidavit tal-attur, liema dokumenti il-konvenuta tafferma fix-xhieda taghha li kienet irceviethom fost diversi dokumenti ohra li

[31] Datat 31 ta' Mejju 2013.

ntbaghtulha minghand l-attur[32]. Fix-xhieda taghha il-konvenuta qablet ukoll illi l-ftehim kien illi l-hlasijiet tal-ispejjez tal-progett li jammontaw ghal cirka €583,000 "*kellhom isiru man mano li jsir ix-xoghol*" u indikat illi dan il-ftehim huwa stipolat fl-imsemmi Doc. B.

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-ewwel pagna ta' Doc. B kif ukoll l-ewwel pagna ta' Doc. N jikkonsistu f'prospett ta' "*Design Fees*" u prospett ta' "*Architectural/Structural and Interior Design Fees*" rispettivament, f'liema prospetti wiehed isib kjarament dikjarat illi d-drittijiet huma bbazati fuq progett ta' valur ta' cirka €500,000. Ghalkemm huwa minnu illi l-attur ma setax jiftakar jekk kienx spjega lill-konvenuti specifikament li l-hlasijiet tad-drittijiet tieghu kellhom ikunu dovuti indipendentement mill-hlasijiet tal-ispejjez tal-progett, il-Qorti filwaqt li tqis illi huwa ovvju illi d-drittijiet professjonali dovuti lill-perit inkarigat mill-klient fuq il-progett ghandhom jitqiesu li huma parti integrali mill-ispejjez tal-progett, tifhem ukoll illi galadarba l-konvenuti fehmu illi l-hlasijiet tal-ispejjez tal-progett kellhom isiru f'intervalli fl-ahhar ta' kull stadju tax-xogholijiet, hekk ukoll kellu jkun evidenti ghalihom li d-drittijiet professjonali tal-perit, indikati fuq il-faccata ta' Doc. B u Doc. N, ukoll kellhom jithallsu fl-ahhar ta' kull stadju indikat fid-dokumenti appena msemmija.

Fir-rigward, l-attur fix-xhieda tieghu fisser illi meta l-inkarigu tieghu fuq il-progett gie mwaqqaf fis-17 ta' April 2014, il-*client brief* kien sar, filwaqt illi l-*concept design stage* tal-progett kien lest sa 75% u dan jirrapprezenta d-drittijiet professjonali fis-somma ta' €8,000 li qed tintalab flimkien mal-V.A.T fuq l-istess drittijiet. Fit-testimonjanza tieghu l-attur fisser fid-dettal id-dizinni kollha li lahaq thejja sakemm il-progett tpogga *on hold* fis-17 ta' April 2014, liema dizinni juru sahansitra l-*finishes* u ghamara inkluz *parquet flooring* li xtaqu jaghmlu l-konvenuti fil-fond taghhom. L-attur spjega wkoll illi dan ix-xoghol kollu jammonta ghal *a full proposal at concept design stage* li huwa t-tieni stadju indikat fil-prospett ta' *design fees*.

[32] Ossia d-dokument esebiti minn Doc. A sa Doc. T mal-Affidavit tal-attur.

Jigi osservat illi l-konvenuti ma kkontestaw bl-ebda mod illi l-attur effettivament ippresta s-servizzi li huwa ddeskriva fix-xhieda tieghu u hlief ghal dak sottomess minnhom fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom[33], ma ressqux provi biex juru kif l-ammont ta' drittijiet indikati bhala dovuti ghal kull stadju tal-progett kif indikati fil-prospetti Doc. B u Doc. N huwa eccessiv. Huwa minnu illi l-konvenuta xehdet illi hija ma qablitx ma' xi dizinn li hejja l-attur ghaliex skont hi dan ma sarx skont l-istruzzjonijiet li tatu, u dan huwa effettivament il-mertu tat-tieni eccezzjoni taghhom[34], izda din l-allegazzjoni ma gietx sorretta mill-provi u ghalkemm jidher illi l-partijiet kienu spiss jikkomunikaw permezz ta' *email* u SMS, ma jirrizultax fost il-korrispondenza kollha esebita fl-atti, illi l-konvenuta ilmentat dwar xi dizinn.

B'referenza specifika ghat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti illi l-ammont mitlub in linea ta' drittijiet professjonali huwa eccessiv, jinghad illi kif gia` osservat, l-attur ippresta diversi servizzi lill-konvenuti fuq talba taghhom u fuq perijodu ta' cirka ghaxar xhur, u ma tressqet ebda prova kwalsiasi illi ntlahaq ftehim bejn il-partijiet, jew xi prova ohra illi turi, li s-servizzi rezi mill-konvenut kellhom jigu rezi gratuwitament f'kaz li l-progett ma jimmaterjalizzax. Il-kontenzjoni tal-konvenuti illi "*hasbu*" li s-servizz kellu jkun gratuwit f'kaz li l-progett ma jsirx, ma hija xejn hlief assurda. Huwa ovvju illi dan m'huwiex kaz ta' konsultazzjoni li nghatat bla hlas: l-attur ippresta fuq talba specifika tal-konvenuti, servizz arkitettoniku konsistenti f'konsultazzjonijiet professjonali, dizinni, pjanti u spezzjonijiet bl-assistenza u kontribut tal-*interior designer* Caroline Webb, liema dizinni ntbaghtu lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom u ghall-uzu taghhom. Ma ngiebet l-ebda prova, u f'kull kaz il-Qorti ma hija xejn konvinta, illi l-attur kien inkarigat sabiex jaghti konsulta *gratis* jew limitatament ghal stima approssimattiva tal-ispejjez mehtiega biex isiru l-ameljoramenti li xtaqu jaghmlu l-konvenuti fil-fond taghhom. Ghall-Qorti huwa manifest illi l-

[33] 4 ta' Dicembru 2017.
[34] Risposta 29 ta' April 2016.

konvenuti mhux biss inkarigaw lill-attur sabiex jiddizinja l-pjanti tat-tibdiliet strutturali li riedu jaghmlu l-konvenuti fil-fond taghhom, tant illi tawh ukoll il-pjanti originali tal-fond[35] sabiex ihejji dawn id-dizinnji, izda kienu wkoll ben konsapevoli tax-xoghol kollu professjonali li bhala perit, kien qed iwettaq l-attur ghal dan il-fini.

Ghaldaqstant, il-korollarju inevitabbli ta' dan huwa li s-servizzi professjonali li gew rezi mill-attur fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenuti, ghandhom jigu remunerati u l-hlas relattiv huwa dovut mill-konvenuti.

Din il-konkluzjoni hija msahha ulterjorment billi huwa ppruvat ukoll mill-iskambju ta' korrispondenza esebita bhala Doc. Q illi effettivament, meta l-progett gie mwaqqaf, l-attur kien gharraf lill-konvenuta Jennifer Azzopardi li kien sejjer jibghat fattura ghax-xoghol li kien lahaq wettaq, tant illi l-istess konvenuta qablet espressament illi jaghmel dan. Maghdud dan, kif gia` osservat, id-drittijiet indikati fil-prospett "*design fees*" ma gewx kontestati u lanqas gie kontestat - anzi gie sodisfacjentement ippruvat - illi s-servizzi indikati mill-attur fix-xhieda tieghu, effettivament inghataw lill-konvenuti.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt illi l-attur, kif appena gie infurmat illi l-progett kien thassar minhabba ragunijiet ta' sahha tal-konvenut Ivan Azzopardi, hass illi fic-cirkostanzi kellu jiskonta d-drittijiet ghas-somma ta' €5,000 pju` V.A.T, huwa immaterjali ghaliex gie ppruvat illi d-drittijiet effettivament dovuti kienu fis-somma ta' €8,000 u mhux fl-ammont skontat. Fir-rigward, il-Qorti tqis illi jkun assurd li l-attur ikun marbut bis-sahha ta' din it-turija ta' rieda tajba, illi jesigi l-hlas biss tal-ammont skontat meta dan evidentement sar minghajr pregudizzju u unikament sabiex jagevola lill-konvenuti fic-cirkostanzi partikolari marbutin ma' kwistjonijiet ta' sahha li, wara kollox, sar jaf bihom ghaliex gharrfuh il-konvenuti nfushom.

---

[35] Doc. A anness mal-Affidavit tal-attur, fol. 12.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-talba attrici ghall-hlas ta' drittijiet professjonali fuq servizzi rezi lill-konvenuti Azzopardi hija fondata u sodisfacjentement ippruvata, u konsegwentement, it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti huma bla siwi u ghandhom jigu respinti.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-**

1. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u filwaqt illi tiddikjara li l-attur Perit David Anastasi *de proprio* ma ghandu ebda interess guridiku fl-azzjoni, tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-gudizzju limitatament fil-konfront tal-istess attur *de proprio*;**
2. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u filwaqt illi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Sarex Limited ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur, tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;**
3. **Tichad l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tiddikjara illi l-attur Perit David Anastasi huwa awtorizzat jagixxi u jharrek f'isem id-ditta DeMicoli & Associates u li jirrapprezenta l-interessi taghha;**
4. **Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti; u**
5. **Tilqa' t-talba tal-attur Perit David Anastasi f'isem DeMicoli & Associates billi tikkundanna lill-konvenuti Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi jhallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' disat elef, erba' mija u erbghin Euro (€9,444), ammont rapprezentanti drittijiet professjonali fuq servizzi rezi lill-istess konvenuti, bl-imghax mid-data tal-ewwel sejha gudizzjarja cioe` mit-22 ta' Marzu 2016.**

**Kwantu ghall-kap tal-ispejjez, tordna illi dawk tas-socjeta` konvenuta Sarex Limited jithallsu mill-attur *proprio et nomine*; dawk tal-attur *de proprio* jigu sopportati minnu stess; filwaqt illi l-ispejjez l-ohra jithallsu mill-konvenuti Ivan u Jennifer konjugi Azzopardi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**